DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/270/PESK

tas-6 ta' Ġunju 2013

li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/CFSP tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 23 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK.

(2) Fl-20 ta' Diċembru 2012, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit f'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 1737 (2006), emenda l-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-projbizzjoni fuq l-ivjaġġar u l-iffriżar tal-assi f'konformità mal-UNSCR 1737 (2006), UNSCR 1747 (2007), UNSCR 1803 (2008) u UNSCR 1929 (2010), billi żied żewġ entitajiet ma' dik il-lista. Dawk l-entitajiet għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi kif jinsabu fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK.

(3) Barra minn hekk, il-Kunsill jikkunsidra li entitajiet addizzjonali b'rabtiet ma' entitajiet diġà elenkati għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi kif jinsabu fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK.

(4) Barra dan, il-Kunsill jikkunsidra li l-entrati rigward ċerti persuni u entitajiet inklużi fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK għandhom jiġu emendati.

(5) M'għadx hemm raġunijiet għaliex għandhom jinżammu ċerti entitajiet fuq il-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi kif jinsabu fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK.

(6) Id-Deċiżjoni 2010/413/PESK għandha għalhekk tiġi emendata kif adatt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK għandhom jiġu emendati kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-6 ta' Ġunju 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

A. SHATTER

[1] ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39.

ANNESS

I. **L-entitajiet elenkati hawn taħt għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK.**

A. **Persuni u entitajiet involuti f'attivitajiet nukleari jew relatati ma' missili ballistiċi**

Entitajiet

(1) Yas Air: Yas Air huwa l-isem il-ġdid ta' Pars Air, kumpannija li kienet proprjetà ta' Pars Aviation Services Company, li min-naħa tagħha kienet indikata mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Riżoluzzjoni 1747 (2007). Yas Air għenet lil Pars Aviation Services Company, entità indikata min-Nazzjonijiet Uniti, biex tikser il-paragrafu 5 tar-Riżoluzzjoni 1747 (2007).

Indirizz: Mehrabad International Airport, Next to Terminal No. 6, Tehran, Iran.

Data tal-indikazzjoni min-NU: 10.12.2012

(2) SAD Import Export Company: SAD Import Export Company għenet lil Parchin Chemical Industries and 7th of Tir Industries, entità indikata min-Nazzjonijiet Uniti, biex tikser il-paragrafu 5 tar-Riżoluzzjoni 1747 (2007).

Indirizz: Haftom Tir Square, South Mofte Avenue, Tour Line No 3/1, Tehran, Iran. (2) PO Box 1584864813.

Data tal-indikazzjoni min-NU: 10.12.2012

II. **L-entitajiet elenkati hawn taħt għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK.**

I. **Persuni u entitajiet involuti f'attivitajiet nukleari jew relatati ma' ballistiċi u persuni u entitajiet li jagħtu appoġġ lill-Gvern tal-Iran**

B. *Entitajiet*

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1	Petropars Iran Company (magħrufa wkoll bħala: PPI)	Indirizz: No. 9,Maaref Street, Farhang Blvd, Saadet Abad, Tehran, Iran. Tel +98-21-22096701- 4. http://www.petropars.com/Subsidiaries/PPI.aspx	Sussidjarja tal-entità indikata Petropars Ltd	8.6.2013
2.	Petropars Iran Company (magħrufa wkoll bħala: POSCO)	Indirizz: Kish harbor, PPI Bldg, Tel +98-764-445 03 05, http://www.petropars.com/Subsidiaries/POSCO.aspx.	Sussidjarja tal-entità indikata Petropars Iran Company	8.6.2013
3.	Petropars Operation & Management Company (magħrufa wkoll bħala: POMC)	Indirizz: South Pars Gas, Assaluyeh, Bushehr, Tel +98-772-7363852. http://www.petropars.com/Subsidiaries/POMC.aspx	Sussidjarja tal-entità indikata Petropars Iran Company	8.6.2013
4.	Petropars Resources Engineering Ltd (magħrufa wkoll bħala: PRE)	Indirizz: 4th Floor, No. 19, 5th St., Gandi Ave., Tehran, Iran, 1517646113, Tel +98-21 88888910/13. http://www.petropars.com/Subsidiaries/PRE.aspx http://www.petropars.com/Subsidiaries/PRE.aspx	Sussidjarja tal-entità indikata Petropars Iran Company	8.6.2013
5.	Iranian Oil Company (U.K.) Limited (IOC)	Iranian Oil Company (U.K.) Limited (IOC) Indirizz: Indirizz: NIOC House 6th Floor, 4 Victoria Street, London, United Kingdom, SW1H 0NE	IOC hija interament proprjetà ta' Naftiran Intertrade Company (NICO). NICO hija fiha nfisha indikata fis-sanzjonijiet tal-UE għaliex hija interament proprjetà tan-National Iranian Oil Company (NIOC), li hija wkoll entità indikata mill-UE għaliex tipprovdi riżorsi finanzjarji lill-Gvern tal-Iran. It-tliet Diretturi tal-Bord kollha tal-ICO sat-18 ta' Diċembru 2012 ħadmu preċedentement għall-NIOC	8.6.2013

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			f'rwol ta' kariga ta' direttur, li juri ulterjorment ir-rabta qawwija bejn l-IOC u l-NIOC.	

III. **L-entrati għall-persuni u l-entitajiet li jinsabu fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK elenkati hawn taħt għandhom jiġu sostitwiti bl-entrati li jinsabu hawn taħt.**

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Sorinet Commercial Trust (SCT) (magħrufa wkoll bħala: SCT Bankers; SCT Bankers Kish Company (PJS); SCT Bankers Company Branch; Sorinet Commercial Trust Bankers)	1. *Kish Island branch*: SCT Bankers (Kish Branch), Sadaf Tower, 3 rd Floor, Suite 301, Kish Island, Iran, P.O.Box 87 Tel: 09347695504 Branch: UAE – Dubai, P.O. Box 31988 *Indirizz alternattiv:* Kish Banking Fin Activities Center, No 42, 4th floor, VC25 Part, Kish Island BIC: SCERIRTH KSH 2. *Dubai branch*: SCT Bankers Kish Company (PJS), Head Office, Kish Island, Sadaf Tower, 3d floor, Suite 301, P.O. Box 87 Tel: 09347695504 Branch: UAE – Dubai, P.O. Box 31988 *Indirizz alternattiv:* Sheykh Admad, Sheykh Zayed Road, 31988 Dubai, AE *Indirizz alternattiv:* Branch: No.1808, 18th Floor, Grosvenor House Commercial Tower, Sheikh Ahmad Sheik Zayed Road, Dubai, UAE, P.O.Box 31988 Tel: 0097 14 3257022-99 E-mail: INFO@SCTBankers.com BIC: SCTSAEA1 3. *Tehran branch*: SCT Bankers Kish Company (PJS), Head Office, Kish Island,	Sorinet Commercial Trust (SCT) qed tassisti entitajiet indikati biex jiksru d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-UE dwar l-Iran u qed tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Gvern tal-Iran. SCT hija parti mill-Grupp Sorinet, proprjetà u operata minn Babak Zanjani. Hija qed tintuża biex jiġu ttrasferiti ħlasijiet Iranjani relatati maż-żejt.	22.12.2012

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Sadaf Tower, 3 rd Floor, Suite 301, Kish Island, Iran, P.O.Box 87 Tel: 09347695504 Branch: UAE – Dubai, P.O. Box 31988 *Indirizz alternattiv:* Reahi Aiiey, First of Karaj, Maksous Road 9, Tehran Iran BIC: SCERIRTH		
2.	Mohammad Moghaddami FARD	Data tat-twelid: 19 ta' Lulju 1956, Passaport: N10623175 (Iran) maħruġ fis-27 ta' Marzu 2007; jiskadi fis-26 ta' Marzu 2012.	Ex-Direttur Reġjonali tal-IRISL fl-Emirati Għarab Magħquda, Direttur Maniġerjali ta' Pacific Shipping, sanzjonata mill-Unjoni Ewropea, ta' Great Ocean Shipping Company, psewdonimu ta' Oasi Freight Agency, sanzjonata mill-Unjoni Ewropea. Stabbilixxa l-Crystal Shipping FZE fl-2010 bħala parti mill-isforzi biex tiġi evitata l-indikazzjoni mill-UE tal-IRISL.	1.12.2011
3.	Ahmad Sarkandi	Twieled fit-30 ta' Settembru 1953, Iranjan.	Ex-Direttur Finanzjarju tal-IRISL mill-2011. Kien direttur eżekuttiv ta' diversi sussidjarji tal-IRISL sanzjonati mill-Unjoni Ewropea, li stabbilixxa diversi kumpanniji ta' faċċata li fihom hu għadu rreġistrat bħala Direttur Maniġerjali u azzjonist.	1.12.2011
4.	Good Luck Shipping Company	P.O. Box 8486 – office 206/207, Ahmad Ghubash Building, Oud Mehta, Bur Dubai, UAE.	Kumpannija li taġixxi f'isem l-IRISL. Ikkontrollata minn Mohammad Moghddami Fard. Good Luck Shipping Company inħolqot biex tissostitwixxi l-Oasis Freight Company magħrufa bħala Great Ocean Shipping Services, li kienet sanzjonata mill-Unjoni Ewropea u f'likwidazzjoni legali. Good Luck Shipping Company ħarġet dokumenti tat-trasport foloz għall-IRISL u entitajiet proprjetà ta' jew ikkontrollati mill-IRISL. Taġixxi f'isem HDSL u Sapid, indikati mill-UE, fl-Emirati Għarab Magħquda. Stabbilita f'Ġunju 2011 bħala riżultat tas-sanzjonijiet, biex tissostitwixxi l-Great Ocean Shipping Services.	1.12.2011
5.	Azores Shipping Company magħrufa wkoll bħala Azores Shipping FZE LLC	P.O. Box 113740 – Office no 236, Sultan Business Center, Oud Mehta, Dubai, UAE	Ikkontrollata minn Mohammad Moghddami Fard. Tipprovdi servizzi lis-sussidjarja tal-IRISL, Valfajre Shipping Company, indikata mill-UE. Kumpannija ta' faċċata proprjetà jew li tinsab taħt il-kontroll tal-IRISL jew ta' sussidjarja tal-IRISL. Hija l-proprjetarja rreġistrata ta' bastiment proprjetà ta' jew ikkontrollat mill-IRISL. Moghddami Fard huwa direttur tal-kumpannija.	1.12.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
6.	Pacific Shipping	P.O. Box 127137 – Office no 334, Sultan Business Center, Oud Mehta, Dubai, UAE	Taġixxi għall-IRISL fil-Lvant Nofsani. Hija sussidjarja tal-Azores Shipping Company. Id-Direttur Maniġerjali tagħha huwa Mohammad Moghaddami Fard. F'Ottubru tal-2010, hija kienet involuta fl-istabbiliment ta' kumpanniji ta' kopertura; l-ismijiet tal-kumpanniji l-ġodda intużaw fuq kontijiet tat-tagħbija sabiex jiġu evitati s-sanzjonijiet. Hija tkompli tkun involuta fl-iskedar ta' bastimenti tal-IRISL.	1.12.2011

IV. **L-entitajiet elenkati hawn taħt għandhom jitneħħew mil-lista li tinsab fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK:**

1. Sad Export Import Company (magħrufa wkoll bħala SAD Import & Export Company)

2. Yas Air

3. Oasis Freight Agency

4. Great Ocean Shipping Services (GOSS)